ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-*eLearning*
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Primarji 2013**

| **IL-ĦAMES SENA** | **IR-RELIĠJON** | **IL-ĦIN: Siegħa u kwart** |
|---|---|---|

**L-isem u l-kunjom: ___________________________  Il-klassi: __________**

**A. Agħmel sinjal taħt it-tweġiba t-tajba. (10 marki)**
*L-ewwel waħda hija eżempju.*



1. Alla deher lil Mosè (permezz ta' anġlu, waqt li kien rieqed, f'għollieq jaqbad bla ma jinqered).
2. Flimkien ma' Mosè, il-poplu Lhudi qasam (ix-Xmara Ġordan, il-Baħar tal-Qasab, il-Baħar Mediterran) biex jeħilsu darba għal dejjem mill-Eġizzjani.
3. David kien (ragħaj, sajjied, mastrudaxxa).
4. (Is-Salmi, Il-kanzunetti, L-Evanġelji) huma innijiet lil Alla miktubin f'għamla ta' poeżija.
5. (Il-Profeti, L-Appostli, Ir-Rumani) kienu nies magħżula minn Alla fit-Testment il-Qadim biex iwasslu l-kelma tiegħu lin-nies ta' żmienhom.
6. Bil-kuraġġ kollu (San Ġorġ Preca, San Franġisk t'Assisi, Pawlu Miki) miet martri għal Ġesù.
7. (Franġisku t'Assisi, Domenico Savio, Ġwanni Marija Vianney) kien kappillan Franċiż li kien magħruf għall-ħin twil li kien jiddedika biex jitkellem m'Alla.
8. Il-kappillan u s-saċerdoti huma dawk li flimkien imexxu (il-kunsill lokali, il-parroċċa, l-iskola) tagħna.
9. (San Pawl, San Pietru, San Filippu) kien magħżul minn Ġesù biex ikun il-kap tal-Knisja.
10. Ġesù ħa l-magħmudija tiegħu minn idejn Ġwanni l-Battista (fix-Xmara Nil, fix-Xmara Ġordan, fix-Xmara Tigri).
11. Meta Ġesù tgħammed, is-smewwiet infetħu u l-Ispirtu s-Santu niżel fuqu f'forma ta' (ljun, ħamiema, ajkla).

**B. Qabbel Kolonna A ma' Kolonna B.** **(10 marki)**

*L-ewwel waħda hija eżempju.*

| | Kolonna A | | Kolonna B |
|---|---|---|---|
| 1. | Mosè | | kien l-akbar sultan tal-poplu Lhudi. |
| 2. | David | | kien missier David. |
| 3. | Samwel | | kiber fostna bħala l-aktar bniedem perfett li qatt kien hawn u qatt jista' jkun hawn. |
| 4. | Eżekjel | | ħabbar lil Marija li kienet se tkun l-omm tal-Iben t'Alla. |
| 5. | L-Anġlu Gabrijel | **1** | ħareġ lill-poplu Lhudi mill-jasar tal-Eġittu. |
| 6. | Il-Fargħun Eġizzjan | | kienu t-tnax-il persuna magħżula minn Ġesù biex jgħinuh fil-ħidma tiegħu. |
| 7. | Is-Sinaj | | kien l-ewwel sultan tal-Lhud u kien jgħir ħafna għal David. |
| 8. | Ġesse | | hija l-muntanja li fuqha Alla ta l-għaxar kmandamenti lil Mosè. |
| 9. | Sawl | | kien wieħed mill-profeti l-kbar li għażel il-Mulej Alla. |
| 10. | Ġesù | | kien isawwat u jaħqar lil dawk il-Lhud li spiċċaw joqogħdu fl-Eġittu. |
| 11. | L-Appostli | | kien il-profeta li dilek lil David biż-żejt. |



**C. Imla l-vojt bil-kliem li ssib fil-kaxxa t'hawn taħt. (10 marki)**

*L-ewwel waħda hija eżempju.*

| | | | |
|---|---|---|---|
| il-Ħellies | Sliem | dnub | ir-Rużarju |
| Eliżabetta | Kunċizzjoni | Sultana | fis-sinagoga |
| il-qaddejja | il-kelma | ~~sinjura~~ | |



Marija ma kinitx kburija. Lanqas ma kienet tgħix ta' sinjura.

Kull nhar ta' Sibt kienet tmur ma' sħabha ______________ biex tfaħħar 'l Alla bis-salmi u tisma' ______________ tiegħu.

Bħan-nies l-oħra li jafdaw f'Alla, Marija kienet tistenna l-jum li fih kellu jitwieled ________________ u l-Mexxej tal-bnedmin.

Marija kienet magħżula minn Alla biex twelled lil Ġesù. Għas-sejħa li għamlilha l-anġlu, Marija wieġbet: "Jien _______________ tal-Mulej. Isir minni skont kelmtek."

Lil Marija, l-anġlu qalilha wkoll li l-kuġina tagħha _________________ kien se jkollha tifel.

Lill-Madonna aħna nħobbuha ħafna. Bħala Nsara, aħna għandna nitolbu lil Marija: " _________________ għalik, Marija" jew "Sliem għalik, ________________."

Fix-xhur ta' Mejju u Ottubru għandna niftakru iktar f'Marija u bħala familja għandna ninġabru ħa ngħidu _________________.

Fil-festa tal-Immakulata _________________ aħna nifirħu ma' Marija għax Alla ried li sa minn dejjem jeħlisha minn kull tebgħa ta' _________________.

**D. (i) Imla l-vojt b'kelma waħda.** **(10 marki)**

Il-Kmandamenti li Alla ta lil Mosè huma:

1. Ma jkollokx __________________ ieħor għajri.
2. La ssemmix l-__________________ ta' Alla fil-batal.
3. Ħares il-__________________ u l-festi kmandati.
4. Agħti ġieħ lil __________________ u lil __________________.
5. La __________________.
6. La tiżnix.
7. La tisraqx.
8. La tixhidx ħaġa b'__________________.
9. La tixtieqx nisa tal-oħrajn.
10. La tixtieqx __________________ tal-oħrajn.



*(8 marki)*

**(ii) Wieġeb fil-qosor**.

Għaliex il-Kmandamenti huma sinjal li Alla jħobbna?

______________________________________________________________

______________________________________________________ *(2 marki)*

**E. Imla l-vojt billi tkompli l-kelma. L-ewwel ittra qed tingħata.**

*L-ewwel waħda hija eżempju.* **(18-il marka)**

1. Qabel ma ħarġu mill-**E**ġittu, il-Mulej kien qal lil Mosè biex kull familja tieħu **ħ**______________ ta' sena u jikluh flimkien qabel ma jidlam. Dan kellhom jixwuh u joqogħdu attenti li ma jiksrulu ebda għadma.

2. Ġesù fakkar din l-ikla flimkien mal-Appostli qabel ma' miet.
   Fl-**A**_______________ **Ċ**_______________ lill-Appostli Ġesù qalilhom,
   "Ħadd ma għandu mħabba ikbar minn din: li wieħed jagħti ħajtu għal dawk li jħobb."



3. Ġesù wiegħed lill-Appostli li se jibagħtilhom lill-Ispirtu s-Santu biex jgħinhom u jkomplu l-ħidma tiegħu. Dan seħħ f'**P**_______________.

4. Dakinhar, l-Appostli flimkien mad-dixxipli u ma' **M**_______________, omm Ġesù, kienu miġburin jitolbu.

5. Meta rċevew fuqhom l-Ispirtu s-Santu, l-appostlu **P**_______________ ħareġ u beda jgħammed lil kotra kbira ta' Lhud li kienu jinsabu Ġerusalemm.

6. Dak li rċevew fuqhom l-Appostli, Ġesù jagħtihulna għall-ewwel darba dakinhar li nirċievu s-sagrament tal-**M**_______________.

7. Dakinhar, l-Ispirtu s-Santu jnaddafna mid-**d**_______________ u jagħtina l-ħajja ġdida ta' wlied Alla.

8. Barra mill-Magħmudija, l-Ispirtu s-Santu jerġa' jinżel fuqna fil-**G**_____________ tal-**I**_______________.

9. Meta nirċievu dan is-sagrament, l-isqof isejħilna b'isimna u jgħidilna: "Ħu s-siġill tad-**D**_______________ tal-Ispirtu s-Santu."

**F. Wieġeb fil-qosor dawn il-mistoqsijiet.** **(14-il marka)**

1. X'dehra kellu l-profeta Eżekjel?

___________________________________________________________

___________________________________________________________ *(2 marki)*

2. Minn fejn David ġab l-għaqal u l-kuraġġ biex jagħmel affarijiet kbar?

___________________________________________________________

___________________________________________________________ *(2 marki)*

3. Kif nistgħu nwasslu lil Ġesù lill-oħrajn?

___________________________________________________________

___________________________________________________________ *(2 marki)*

4. Għaliex il-Bibbja nsejħulha l-Kelma t'Alla?

___________________________________________________________

___________________________________________________________ *(2 marki)*

5. X'jagħmel l-Isqof biex jagħtina l-Griżma tal-Isqof?

___________________________________________________________

___________________________________________________________ *(2 marki)*

6. Għaliex aħna għandna nħennu għal dawk li jkunu fil-bżonn?

___________________________________________________________

___________________________________________________________ *(2 marki)*

7. X'għandna nagħmlu biex inġibu l-paċi?

___________________________________________________________

___________________________________________________________ *(2 marki)*

**G. Qabbel l-informazzjoni li hemm f'Kolonna A mal-personaġġ f'Kolonna B.**

*L-ewwel waħda hija eżempju.* **(8 marki)**

| | Kolonna A | | Kolonna B |
|---|---|---|---|
| 1. | Jien kont nikteb is-Salmi. | | Pawlu |
| 2. | Jien kont ngħallem permezz tal-ittri. | **1** | David |
| 3. | Jien waqqaft kunvent fi Spanja u ktibt kotba sbieħ dwar kif aħna, bħala Nsara, inħobbu lil Ġesù. | | Filippu |
| 4. | Jien spjegajt il-Kotba Mqaddsa lil wieħed raġel mill-Etjopja. | | Ġustinu |
| 5. | Jien ħriġt salib mill-but biex nipprova nwaqqaf il-ġlied bejn sħabi. | | Tereża t'Avila |
| 6. | Jien waqqaft is-Soċjeta tal-M.U.S.E.U.M. | | Il-Papa |
| 7. | Flimkien ma' sħabi, jien ħadt il-martirju għax kont nemmen f'Ġesù u ma ridtx noffri sagrifiċċju lill-allat foloz. | | Alla |
| 8. | Jien il-kap tal-Knisja u noqgħod il-Vatikan. | | Ġorġ Preca |
| 9. | Jien il-ħallieq ta' kollox u ta' kulħadd. | | Domenico Savio |

**H. Aqra din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet.** **(10 marki)**



Franġisku t'Assisi kien it-tifel ta' Bernardone, negozjant tad-drappijiet, li kien sinjur. Sakemm kellu tlieta u għoxrin sena, Franġisku wkoll kien jgħix ta' sinjur. Imma darba minnhom, waqt li kien sejjer għall-gwerra biex jikseb l-unuri kbar ta' kavallier, sema' leħen jgħidlu: "Erġa' lura, aqdi lill-Imgħallem tiegħek."

Franġisku mar lura Assisi u quddiem Ġesù msallab, għaraf kemm hi ħaġa sabiħa li jħalli l-flus u l-ġid tal-art biex jingħata kollu kemm hu għal Ġesù u għall-Knisja.

1. X'titlu jixraq lil din is-silta? (*Agħmel sinjal taħt it-tweġiba t-tajba.*)
   a. Franġisk, il-qaddej tas-sinjuri.
   b. Franġisk, il-qaddej tal-fqar.
   c. Franġisk, il-qaddej tal-kavallieri. *(marka)*

2. Minn liema belt kien ġej Franġisku?

   ______________________________________________ *(marka)*

3. Waqt li kien sejjer għall-gwerra, Franġisku sema' leħen ikellmu.
   X'qallu dan il-leħen?

   ______________________________________________

   ______________________________________________ *(2 marki)*

4. X'għamel Franġisku meta reġa' mar lura Assisi?

   ______________________________________________

   ______________________________________________ *(2 marki)*

5. Franġisku kien neża’ l-ħwejjeġ lussużi minn fuqu u ddeċieda li jilbes libsa sempliċi u jgħin lil min hu fil-bżonn. Int kif tista’ tgħin lin-nies li huma fil-bżonn?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________ *(2 marki)*

6. Franġisku kien iħobb ħafna n-natura. X’nistgħu nagħmlu biex aħna wkoll bħal Franġisku nuru li qed nieħdu ħsieb in-natura ta’ madwarna?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________ *(2 marki)*

**I. Ikteb ħames sentenzi fuq il-ħajja ta’ San Martin. (10 marki)**



______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

**Tmiem il-Karta**